

Brussell, 12 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

16801/24

VISA 185
ASILE 128
MIGR 460
FRONT 337
IXIM 264
COMIX 507

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 16195/24

Suġġett: Lejn approċċ aktar strateġiku dwar il-politika tal-UE dwar il-viżi
– Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Diċembru 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Lejn approċċ aktar strateġiku dwar il-politika tal-UE dwar il-viżi", approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-12 ta' Diċembru 2024.

Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar

Lejn approċċ aktar strateġiku dwar il-politika tal-UE dwar il-viżi

1. Billi tirregola d-dħul ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi fiż-żona Schengen u tiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu, il-politika tal-UE dwar il-viżi taqdi rwol fundamentali u ewlieni fis-salvagwardja tal-integrità taż-żona Schengen u fit-tisħiħ tar-reżiljenza tagħha għall-isfidi tal-migrazzjoni u tas-sigurtà.

Fl-istess ħin, il-politika dwar il-viżi għandha rwol importanti fir-relazzjonijiet internazzjonali tal-UE u għandha valur sinifikanti kemm għall-pajjiżi terzi kif ukoll għall-UE billi tiffaċilita l-ivvjaġġar, trawwem il-kuntatti bejn il-persuni, kif ukoll tippromwovi t-turiżmu u t-tkabbir ekonomiku.

Fil-kuntest ġeopolitiku aktar ġenerali, din tista' ssaħħaħ kooperazzjoni aktar ibbilanċjata mal-pajjiżi sħab fil-qafas ta' sħubijiet komprensivi, li jappoġġaw l-interessi tal-UE filwaqt li jitqiesu bir-reqqa l-impatti potenzjali, b'mod partikolari fuq il-flussi migratorji u t-tħassib dwar is-sigurtà. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol tal-politika dwar il-viżi fid-djalogi ta' sħubija dwar il-migrazzjoni, filwaqt li jħeġġeġ lill-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu jwettqu riformi, jintensifikaw l-isforzi biex jiġġieldu l-migrazzjoni irregolari u jallinjaw il-politiki tagħhom mar-regoli tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-viża.

2. Il-Kunsill jenfasizza li għandhom jitqiesu bis-sħiħ l-aspetti tal-migrazzjoni u s-sigurtà interna meta jiġu ttrattati suġġetti relatati mal-viża fil-Kunsill, b'mod partikolari fil-qasam tal-politika tal-affarijiet barranin. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' approċċ strateġiku għall-politika dwar il-viżi, fejn id-deċiżjonijiet għandhom iqisu l-interessi tal-oqsma rilevanti kollha, b'kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-Kunsill, sabiex tinżamm politika sostenibbli dwar il-viżi fil-futur. Huwa essenzjali li d-deċiżjonijiet dwar il-liberalizzazzjoni jew il-faċilitazzjoni tal-viża jitfasslu u jiġu adottati b'tali mod li ma jiġġeneraw l-ebda riskju għas-sigurtà jew għall-migrazzjoni.

F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tapplika approċċ ta' gvern sħiħ, filwaqt li tiżgura li l-korpi preparatorji rilevanti kollha tal-Kunsill u l-implikazzjonijiet ta' politika – u b'mod partikolari dawk relatati mal-ġustizzja u l-affarijiet interni – ikunu involuti u jitqiesu bis-sħiħ f'kull pass tal-proċess meta jkun qed jiġi kkunsidrat djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża ma' pajjiż terz jew deċiżjoni dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' parametri referenzjarji b'mod trasparenti biex jiġi żgurat li kemm il-politika barranija kif ukoll is-sigurtà interna u t-tħassib dwar il-migrazzjoni jiġu indirizzati kif xieraq.

3. L-ivvjaġġar mingħajr viża lejn l-UE huwa privileġġ għan-nazzjonali ta' pajjiżi terzi, u joħloq benefiċċji iżda wkoll responsabbiltajiet għalihom u fl-istess ħin huwa strument b'saħħtu tal-Unjoni li jeħtieġ li jintuża b'mod aktar strateġiku. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li l-pajjiżi terzi li kisbu eżenzjoni mill-viża permezz ta' djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża jkomplu jissodisfaw il-parametri referenzjarji stabbiliti, sabiex b'hekk jibqgħu responsabbli għall-impenji tagħhom. Barra minn hekk, il-pajjiżi terzi kollha li jibbenefikaw minn aċċess mingħajr viża għall-UE jeħtieġ li jikkonformaw mal-kriterji tal-eżenzjoni mill-viża f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1806 fuq bażi kontinwa.
4. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi diplomatiċi u l-involvement attiv tal-Kummissjoni u tas-SEAE fir-restawr tar-reċiproċità tal-viża ma' pajjiżi terzi mingħajr viża. F'dan il-kuntest, il-preservazzjoni tal-istatus mingħajr viża tal-Istati Membri hija essenzjali. Barra minn hekk, il-Kunsill, filwaqt li jqis ukoll ir-relazzjonijiet ġenerali ma' pajjiżi terzi u l-interess tal-UE, jesprimi l-interess qawwi tiegħu li jiġi żgurat trattament ugwali u ġust għaċ-ċittadini kollha tal-UE meta jivvjaġġaw lejn pajjiżi terzi.

5. Filwaqt li l-Istati Membri jaqblu li l-ftehimiet għall-faċilitazzjoni tal-viża jibqgħu strumenti kruċjali fir-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi terzi, il-Kunsill jafferma mill-ġdid li hemm enfasi dejjem akbar fuq l-użu strateġiku tagħhom fir-relazzjonijiet esterni, b'mod partikolari bħala mezz biex jinkisbu objettivi usa' tal-Unjoni f'oqsma oħra ta' politika, speċjalment fil-kuntest tal-politika ta' riammissjoni. Dan l-objettiv jista' jintlaħaq permezz ta' ftehimiet imfassla apposta b'kundizzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fil-futur, u b'hekk jinqdew l-interessi tal-UE. Madankollu, il-ftehimiet għall-faċilitazzjoni tal-viża ma għandhomx jitqiesu bħala l-ewwel pass predeterminat lejn il-liberalizzazzjoni tal-viża, iżda bħala deċiżjonijiet awtonomi fihom infushom. Barra minn hekk, il-prattika attwali li jiġu konklużi ftehimiet ta' riammissjoni b'mod parallel mal-ġoti ta' faċilitazzjonijiet tal-viża għandha tibqa', bħala prekondizzjoni, element kruċjali tal-proċess.
6. Biex tippromwovi l-koerenza u s-sostenibbiltà tal-politika tal-UE dwar il-viżi, l-UE għandha tiffoka l-iktar fuq l-użu effiċjenti u effettiv tal-għodod eżistenti u tkompli ssaħħaħhom u ttejjibhom. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, il-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-viża, il-mekkaniżmu tal-Artikolu 25a tal-Kodiċi dwar il-Viżi, l-aħjar użu tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), u l-implimentazzjoni bla xkiel tas-sistemi ta' informazzjoni tal-Unjoni.

Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u l-VIS riveduta. It-tħaddim affidabbli ta' dawn is-sistemi ta' informazzjoni kollha huwa vitali għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-fruntieri u biex jiġu indirizzati l-isfidi għas-sigurtà interna u l-migrazzjoni, inkluż l-abbuż tal-ivvjaġġar mingħajr viża u s-soġġorni b'awtorizzazzjoni skaduta. L-evalwazzjoni tal-funzjonament ta' dawn is-sistemi, fil-qafas tal-interoperabbiltà, ser tgħin biex jiġu fformulati reazzjonijiet tal-UE aktar effettivi għall-isfidi futuri.

Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-leġiżlazzjoni estensiva li ġiet adottata fir-rigward ta' dawn is-sistemi ta' informazzjoni u l-implimentazzjoni tagħha fis-snin li ġejjin, inkluż id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tal-viża ta' Schengen. Ix-xejriet tad-diġitalizzazzjoni li għaddejjin bħalissa, flimkien mal-implimentazzjoni tal-qafas tal-interoperabbiltà, inkluż il-valutazzjoni tar-riskju awtomatizzata u d-detezzjoni ta' identitajiet multipli, ser jipprovdu firxa usa' ta' informazzjoni dwar il-vjaġġaturi. Din id-data mtejbja ser tkompli tikkontribwixxi għall-proċeduri tal-viża, bil-potenzjal li jiġu identifikati u mnaqqsa l-abbużi u li jiġu appoġġati d-deliberazzjonijiet u l-monitoraġġ taħt il-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-viża.

7. Il-Kunsill jistenna b'interess l-adozzjoni bikrija tal-mekkaniżmu rivedut ta' sospensjoni tal-viża, li ser jgħammar aħjar lill-UE biex tindirizza l-abbużi tar-reġimi mingħajr viża, inkluż b'mod partikolari abbużi minn nazzjonali ta' pajjiżi terzi mingħajr viża li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali. Il-Kunsill esprima wkoll l-appoġġ tiegħu għat-tisħiħ tal-monitoraġġ ta' pajjiżi terzi, u r-rappurtar dwarhom. li jibbenefikaw minn aċċess mingħajr viża għall-UE. Dan l-iskrutinju msaħħaħ ser ikun importanti fl-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-isfidi potenzjali u ser jikkontribwixxi għal Unjoni Ewropea aktar sigura u reżiljenti.
8. Il-Kunsill jenfasizza li, minbarra l-adozzjoni rapida tar-reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-viża, jeħtieġ li l-UE tibqa' attenta għall-isfidi eżistenti u emerġenti, bl-għan li jiġi evitat l-abbuż tar-reġim tal-viża tal-UE. Sfidi bħal dawn jeħtieġ li jiġu mmonitorjati u indirizzati b'mod sistematiku, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-pajjiżi eżentati mill-viża ma jsirux ċentri għall-migrazzjoni irregolari. F'dan ir-rigward, l-allinjament tal-politika dwar il-viżi mar-reġim tal-viża tal-UE minn pajjiżi terzi, speċjalment dawk ġirien tal-UE, huwa urġenti u essenzjali sabiex jitnaqqas l-abbuż possibbli u tiġi żgurata s-sostenibbiltà tar-reġim mingħajr viża bejn l-UE u dawn il-pajjiżi. Huwa ugwalment importanti li l-allinjament tal-politika dwar il-viżi ssir minn pajjiżi terzi li involvew ruħhom fi djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża mal-UE, li jinkludi dan il-parametru referenzjarju. Filwaqt li l-UE għandha tkompli s-sensibilizzazzjoni diplomatika u l-kuntatti ta' livell għoli ma' pajjiżi terzi, hija tistenna impenn tanġibbli mingħandhom biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jindirizzaw l-abbużi b'mod effettiv.

9. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-UE għandha tiegħu passi ulterjuri biex timmitiga r-riskju tal-abbuż tal-viżi minn dawk li jfittxu l-ażil. Biex jitnaqqsu l-każijiet fejn nazzjonali ta' pajjiżi terzi jippreżentaw applikazzjonijiet għall-ażil wara li jkun daħlu fiż-żona Schengen b'viża u biex ikun hemm data statistika aktar komprensiva dwar dan il-fenomen, il-Kunsill jenfasizza l-hteġġa li l-VIS tiġi kkonsultata b'mod sistematiku fil-proċeduri tal-ażil u li jiġu rreġistrati identifikazzjonijiet tal-ażil b'suċċess. Din il-prattika tiżgura li l-istorja tal-viża tal-applikanti titqies b'mod adegwat u ssaħħaħ il-kapaċità tal-UE li timmaniġġa l-applikazzjonijiet għall-ażil b'mod aktar effettiv. Kooperazzjoni aktar mill-qrib u kondiviżjoni tad-data bejn l-awtoritajiet tal-viża u tal-ażil, it-trawwim tal-iskambju tal-esperjenza kif ukoll l-integrazzjoni u l-analiżi tad-data rilevanti fil-livell tal-UE huma elementi meħtieġa għal ġestjoni effettiva tal-ażil.

F'dan il-kuntest, huwa kruċjali wkoll li l-Eurodac riveduta tipprovdi qafas xieraq biex tinħażen firxa usa' ta' data dwar dawk li jfittxu l-ażil malajr kemm jista' jkun. Għal dan l-għan, il-Kunsill jappella biex titkompla l-implimentazzjoni tal-VIS riveduta flimkien mal-Eurodac, biex jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar l-applikanti għal viża tiġi kondiviża b'mod effiċjenti fost l-Istati Membri, filwaqt li tgħin biex jiġu identifikati l-isfidi potenzjali għas-sigurtà u l-migrazzjoni u biex tkun tista' ssir statistika bejn is-sistemi. Fuq medda twila ta' żmien, l-istatistika assoċjata ser tiġi pprovduta mir-Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika (CRRS) fil-qafas tal-interoperabbiltà. Madankollu, sakemm jinkiseb dan, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni tesplora aktar il-possibbiltà li jsir użu aħjar mill-kapaċità ta' forniment ta' data statistika tal-eu-LISA, inkluż analiżi tad-data kondiviża, li tista' tgħin biex jiġu identifikati xejriet li qed jevolvu u tittejjeb l-analiżi tar-riskju.

10. Sistema ta' ritorn u riammissjoni li tiffunzjona tajjeb tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari. L-użu effettiv tal-mekkaniżmu tal-Artikolu 25a tal-Kodiċi dwar il-Viżi huwa element kruċjali biex tittejjeb il-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni ma' pajjiżi terzi. Filwaqt li jirrikonoxxi l-isforzi diplomatiċi u operazzjonali mwettqa mill-Kummissjoni, is-SEAE u l-Istati Membri, u b'inkoraġġiment biex tinżamm id-dinamika favorevoli introdotta fil-mekkaniżmu, il-Kunsill jissottolinja li, filwaqt li tinżamm il-flessibbiltà, l-implimentazzjoni tal-proċess għandha tiġi ottimizzata aktar sabiex jiġi żviluppat mekkaniżmu aktar b'saħħtu u kredibbli. Meta jiġu vvalutati l-pajjiżi terzi kkonċernati, għandu jitqies ukoll it-theddid potenzjali għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà interna ppreżentat min-nazzjonali tagħhom li huma obbligati jirritornaw. Huwa importanti li l-pajjiżi terzi kkonċernati jagħmlu kull sforz biex iżidu l-livell ta' kooperazzjoni tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-riammissjoni tan-nazzjonali tagħhom stess u l-konformità mal-impenji kollha skont il-ftehimiet jew l-arranġamenti ta' riammissjoni rispettivi. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jintbagħat messaggġ ċar u unifikat lill-pajjiżi terzi li ser jiġu implimentati aktar miżuri jekk il-kooperazzjoni ma titjibx f'perjodu ta' żmien raġonevoli. F'dan il-kuntest, il-possibbiltà li fil-futur tiġi esplorata riforma leġiżlattiva tal-mekkaniżmu tal-Artikolu 25a ma għandhiex tiġi eskluża.
11. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa għall-applikazzjoni aktar armonizzata tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-viżi, u b'mod partikolari l-implimentazzjoni bir-reqqa tal-Kodiċi dwar il-Viżi mill-Istati Membri kollha. It-taħriġ huwa għodda importanti biex jinkiseb dan, u l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-użu tat-Taħriġ fil-Kodiċi dwar il-Viżi (VCT). Biex tinkiseb implimentazzjoni armonizzata, għandhom jittieħdu aktar miżuri biex jitnaqqsu l-opportunitajiet għal "visa shopping", b'mod partikolari permezz ta' kooperazzjoni lokali ta' Schengen aktar b'saħħitha u kkoordinata aħjar.

12. Hekk kif ix-xejriet tal-migrazzjoni jevolvu u l-kumplessità tal-mobbiltà globali tiżdied, l-UE trid issaħħaħ l-isforzi kollettivi tagħha biex tissalvagwardja l-fruntieri esterni tagħha u l-integrità taż-żona Schengen. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza ta' rieżami komprensiv tal-politika tal-UE dwar il-viżi bl-għan li tissaħħaħ is-sigurtà ta' Schengen u jiġi appoġġat il-qafas ta' politika tal-UE dwar il-migrazzjoni. Bl-adozzjoni ta' approċċ olistiku u li jħares 'il quddiem, l-UE tista' tadatta aħjar għad-dinamika tal-migrazzjoni li qed tinbidel, tipprevjeni u ttrispondi għall-isfidi immedjati tal-migrazzjoni u tas-sigurtà u għall-abbużi tar-reġim tal-viża. Il-Kunsill jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tiżviluppa strateġija tal-Unjoni dwar il-politika dwar il-viżi li twieġeb kemm għall-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri.
-